**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 28 ta' Novembru, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Ramona Magri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Ramona Magri detentrici tal-karta tal-identita' Maltija numru 366583M

1. Akkuzata talli fis-6 t' Awwissu, 2014 ghall-habta ta' 21:30hrs gewwa Triq San Bastjan Qormi u f' dawn il-Gzejjer, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Wendy Gauci u/jew persuni ohra f' periklu car, weriet dan il-hsieb b' atti esterni u tat

bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, billi tat daqqa ta' mus, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghha

2. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkagunat diversi offizi fuq il-persuna ta' Wendy Gauci u/jew persuni ohra, liema offizi jitqiesu li huma gravi skond kif iccertifika Dr James Mark Debono Med Reg 5520
3. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn 1164.69 euros u dan ghad-detriment ta' Wendy Gauci u/jew persuni ohra
4. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi garret il-barra minn xi fond jew id-dintorni taghha xi sikkina jew Strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun, minghajr ma kellha licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija
5. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied
6. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, saqet vettura b' mod perikoluz u traskurat

F' kaz ta' htija l-Qorti umilment giet mitluba illi tiskwalifika lil imputata minn kull tip ta' licenzja tas-sewqan ghal-perjodu li jidrilha xieraq.

Il-Qorti kienet mitluba ukoll tohrog ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputata milli tavvicina lil Wendy Gauci u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali tas-17 t' Awwissu, 2016 (inserita a fol. 276 tal-atti processwali) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija fil-konfronti tal-imputata taht dak li hemm mahsub:

a) Fl-artikoli 214, 215 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 214, 215, 216 u 217 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Att Dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) Fl-artikolu 15 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; u
h) Fl-artikoli 382A; 383; 384; 385 u 386 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
i) Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2016 l-imputata wiegbet li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti speci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li sehhet fis-6 ta' Awwissu 2014 fi Triq San Bastjan, Hal Qormi bejn Wendy Gauci u l-imputata fejn Wendy Gauci sofriet feriti li ghadd minnhom gew klassifikati bhala hfief u wahda minnhom gravi. PS 539 Fabian Caruana xehed fl-udjenza tal-14 ta' Awwissu 2014 (a fol 23 sa 33 tal-atti processwali) li Wendy Gauci irrapurtat[1] l-Ghassa ta' Hal Qormi li waqt li kienet qed issuq il-vettura taghha DBS 115 fi Triq San Bastjan, Hal Qormi l-imputata, li kienet qeghda bil-vettura taghha EBV 319, ghajtitilha biex tieqaf. Il-parti civili waqfet il-vettura taghha u harget mill-karozza. L-imputata harget flick knife u bdiet ixxejjirha fid-direzzjoni ta' zaqq Wendy Gauci u spiccat laqtitha f'idejha l-leminija. Wendy Gauci pruvat tahrab mill-post u l-imputata pruvat issuq fid-direzzjoni taghha izda laqtet il-vettura ta' Gauci. Il-parti civili ma setghetx issib ic-cwievet tal-karozza, halliet il-karozza fit-triq u marret l-Ghassa ta' Hal Qormi taghmel rapport. Meta l-imputata rat lil Wendy Gauci l-Ghassa marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Belt.

Illi l-Ispettur Roderick Agius xehed fl-udjenza tal-14 ta' Awwissu 2014 (a fol 39 sa 56 tal-atti processwali) li huwa kien gie nfurmat bl-incident minn PS 539. Meta mar fuq il-post tal-incident ra l-vettura tal-parti civili u nforma lil Magistrat tal-Ghassa li hatar diversi esperti. Sussegwentement mar l-Ghassa fejn iltaqa ma' Wendy Gauci li kellha ammont konsiderevoli ta' demm f'idha x-xellugija. Ix-xhud ta' struzzjonijiet li l-imputata tigi arrestata l-Ghassa tal-Belt fejn marret taghmel rapport u ttihdulha zewg

[1] Kopja tar-rapport tinsab esebita bhala Dok. FC1 a fol 34 sa 38 tal-atti processwali.

stqarrijiet esebiti bhala RA 1 a fol 57 sa 58 tal-atti processwali u AD 2 a fol 101 sa 102 tal-atti processwali.

Illi fl-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputata hija stqarret li taf lill-parti civili ghaliex huma girien. Hija sostniet li kienet ghaddeja bil-karozza taghha Toyota Vitz bajda u l-parti civili harget kanna u faqatilha l-hgiega ta' wara. L-argument inqala ghaliex il-parti civili kienet marret mal-guvintur taghha u t'ohtha. Hi ma ratx demm fuq il-parti civili u l-griehi setghet ghamlithom b'kanna tal-hadid iserrrata li kellha trufijiet. Dwar ic-cwievet tal-vettura tal-parti civili spjegat li m'ghandha l-ebda cwievet. Stqarret li hija qatt ma kellha arma u lanqas tat daqqa ta' mus ghaliex kieku kienet tinzel ghaliha, ghaliex kienet il-parti civili li nizlet mill-vettura taghha u aggreditha u mhux vice versa. L-imputata xehdet fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2018 (a fol 331 sa 339 tal-atti processwali) fejn ikkonfermat li hi u l-parti civili kienu girien u ma kienx hemm problemi bejniethom tant li kienu hbieb. Il-parti civili kellha biss problema ma' oht l-imputata ghaliex kellha relazzjoni mar-ragel taghha. L-imputata kienet qalet lill-ohtha li kienet ser tirranga s-sitwazzjoni hi peress li l-parti civili kienet habiba taghha. Ghalhekk l-imputata cemplet lill-parti civili li qabdet toffendiha. Dakinhar tal-incident l-imputata kienet il-Cafe Riche mat-tifel taghha li kien fil-vettura. Il-parti civili ghajtet lill-imputata u nizlet ghaliha b'kanna u marret taghti daqqiet mal-hgiega fejn kien jinsab it-tifel tal-imputata. Din tal-ahhar tghid li pruvat tirriversja u telqet l-Ghassa sabiex taghmel rapport. Hija spjegat li l-hsara fil-bumper tal-karozza taghha saret ghaliex meta qalat habtet mal-bankina. Spjegat li meta saret tfittxija fil-vettura taghha ma nstabet l-ebda arma u l-feriti li kellha Wendy Gauci setghat ikkagunathom hija stess stante li fil-hin tal-incident il-parti civili lanqas kellha qatra demm. L-

imputata qalet ukoll li hija qatt ma ghajjret lill-parti civili kerha izda kienet ohtha li ghajjritha.

Illi fl-udjenza tal-1 ta' Settembru 2014 xehed Dr James Mark Debono li kkonferma li huwa kien invizta lil Wendy Gauci fis-7 t' Awwissu 2014 fl-Emergenza fejn ikkonstatata li kellha slieh fil-gilda fuq idha tax-xellug, fuq il-lemin tad-driegh fejn jinqafel l-arlogg u fuq il-wicc tal-id aktar 'l isfel mill-arlogg kif ukoll kellha penetrating stab wound bejn it-tielet u r-raba' subgha ta' 2cm tul fejn l-entry wound kienet min naha tal-palma tal id u l-exit wound kienet in-naha ta' wara tal-id. Ikkonkluda li tali ferita saret minn xi haga rqiqa u taqbel ma' sikkina jew mus. Gimgha u nofs wara Wendy Gauci regghat giet ezaminata u gie kkonstatat li ma kienx hemm hsara fit-tendons u l-muscles imma hsara fid-digital nerve tar-raba' subgha. Il-griehi gew klassifikati bhala gravi. Ix-xhud esebixxa rapport mediku bhala JMD 1 a fol 69 sa 71 tal-atti processwali. Certifikat iehor jinsab esebit a fol 6 tal-atti processwali.

Illi Wendy Gauci xehdet fl-udjenza tad-29 ta' Jannar 2015 (a fol 107 sa 125 tal-atti processwali) li lill-imputata kienet ilha tafha madwar sentejn u kien inqala argument fejn l-imputata kienet tatha daqqa ta' sikkina f'idha x-xellugija li nifditilha idejha. L-incident sehh Hal Qormi quddiem il-Café Riche izda l-argument kien beda gimgha qabel l-incident. L-imputata u l-parti civili huma girien u jghixu fl-istess blokka t' appartamenti. L-imputata kienet marret thabbat il-bieb ta' Wendy Gauci fis-saghtejn ta' filghodu ghaliex hasbet li kien hemm l-ex partner ta' ohtha, Dustin Bugeja ghandha u l-parti civili ma fethitilhiex. L-ghada bdiet iccempillha oht l-imputata Esaura Magri u bdiet tghajjarha izda fit-telefonata ndahlet l-imputata u bdew jghajjru lil xulxin. Wara din it-telefonata l-parti civili ma marritx lejn

l-appartament taghha ghal gimgha ghaliex bdiet tibza' u ghamlet rapport u l-Pulizija qalulha biex ma tersaqx lejn l-appartament taghha. Hija kienet giet ukoll assistita mill-Pulizija sabiex tiehu hwejjigha mill-appartament. L-ghada kienet niezla bil-vettura taghha quddiem il-Café Riche Hal Qormi u kien hemm l-imputata wahedha quddiem il-hanut barra l-karozza. L-imputata ghajtitilha sabiex tieqaf u hija waqfet. Dejjem skond il-parti civili l-imputata dahlet tigri gol-karozza taghha u l-parti civili kienet ser terga' ssuq ghax hasbet li mhu ha tghidilha xejn. L-imputata u l-parti civili hargu mill-vetturi taghhom u l-parti civili marret hdejha sabiex tara x'riedet tghidilha. L-imputata nizlet u bdiet ixxejjer sikkina b' idha l-leminija u laqtet lill-parti civili f'idha x-xellugija. L-imputata dahlet fil-vettura taghha u pruvat ittajjarha u baqghet tigri warajha bil-karozza u bdiet diehla fil-karozza tal-parti civili. Il-parti civili marret tigri lejn l-ghassa. Hi u sejra lejn l-ghassa l-imputata fethitilha l-bieba tal-karozza u haditilha c-cwievet. Meta l-imputata bdiet tghajjarha kellha sieq ta' mejda konsistenti f'pipe tal-majka u sabiex tieqaf tghajjarha bdiet taghtiha bis-sieq tal-mejda fuq il-karozza u kisritilha l-hgiega ta' wara. Il-pipe ramitu qabel ma' marret taghmel ir-rapport l-Ghassa ghaliex kienet fi stat ta' paniku. Il-hsarat sofferti mill-parti civili fuq il-vettura taghha jammontaw ghal €1,500. Dwar il-griehi sofferti spjegat li llum subghajha huwa mghawweg u ssib diffikulta meta tigi biex issuq u kellha tieqaf tahdem bhala hairdresser. Dwar l-arma wzata mill-imputata xehdet li kulma rat kienet ix-xafra tas-sikkina. Minn dakinhar ma kienx hemm aktar incidenti. In kontro ezami innegat li hija tat xi daqqiet lill-imputata.

Illi in kontro ezami fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2018 (a fol 300 sa 316 tal-atti processwali) Wendy Gauci xehdet li meta sehh l-incident kif nizlu mill-vetturi u bdew jitghajjru l-imputata marret fil-vettura taghha u harget

sikkina bil-manku u bil-ponta mghawwga bhal flick knife u tinfetah. Hija qalet ukoll li ma tiftakarx li l-imputata kellha xi minuri fil-vettura taghha. Cahdet li kienet hi li ghamlet l-ewwel mossa bil-pipe lejn l-imputata. Spjegat li -pipe hargitu meta l-imputata bdiet issuq il-vettura taghha fuqha. Cahdet li l-griehi ghamlithom hi stess.

Illi fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2014 Stephen Cachia, rapprezentant tal-Awtorita ghat-Trasport ikkonferma li l-vettura DBS 115 Peugeout 607 tal-kulur ahmar hija registrata f'isem Wendy Gauci u l-vettura EBV319 Toyota Vitz tal-kulur abjad hija registrata fuq Ramona Magri u dan kif jidher ukoll mid-dokument SC1 esebit mix-xhud a fol 85 sa 92 tal-atti processwali.

Illi fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2015 gie esebit il-process verbal numru 569/2014 dwar dan il-kaz fejn kienu gew appuntati diversi esperti (Dok. GA1 a fol 135 sa 150 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2015 xehed Dr Mario Scerri (a fol 151 sa 153 tal-atti processwali) li spjega li huwa kien inhatar fl-inkjesta fejn kien ezamina lill-parti civili fis-7 ta' Awwissu 2014 u kien ikkonstata stab wound maghmula minn strument jaqta' minn naha wahda li ippenetra minn naha ghall-ohra tal-id. Il-funzjoni tal-id kienet riservata u ma ntlaqtux nervituri u tendonsm izda tali ferita taghlaq formazzjoni ta' cikatrici li l-probabilita hi li tibqa bhala marka permanenti fil-pala tal-id. Il-ferita hija kompatibbli ma sikkina u mhux hadida sakemm din m'ghandhiex forma ta' sikkina. Ix-xhud prezenta r-rapport Dok. MS 1 (a fol 154 sa 171 tal-atti processwali).

Fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2015 xehed Kevin Baldacchino (a fol 182 sa 187 tal-atti processwali) li huwa ghandu il-hanut Café Richer fi Triq il-Kbira Hal Qormi. Dakinhar tal-incident huwa kien qieghed gewwa l-hanut u semgha ghajjat ta' nisa u storbju ta' glied gej min barra izda ma marx jara x'kien qed jigi ghaliex kien qed jaqdi lin-nies.

Fl-udjenza tas-16 ta' April 2015 xehdu PS 644 Evan Camilleri u PS 612 Theo Vella nominati fl-atti tal-inkjesta fejn kienu accedew fil-post, hadu ritratti, elevaw xi kampjuni, elevaw il-hwejjeg tal-imputata u hadu ritratti tal-hwejjeg u tal-vetturi. Fir-relazzjoni taghhom esebita bhala Dok. TV1 a fol 193 sa 201 tal-atti processwali) ikkonstataw li kien hemm titjir hamrani fuq barra tal-bieba tax-xufier tal-vettura tal-parti civili. Din il-vettura kellha wkoll ghafsa fil-bieba tax-xufier u xi msieh mal-bumper ta' wara. Gie nnutatat ukoll taqtir hamrani mal-art fil-vicinanzi tal-vettura. Apparti diversi ritratti ttiehdu wkoll xi control swabs. Tfittxija saret ukoll fil-vettura tal-imputata ghall-arma li rrizultat fin-negattiv. Il-vettura kellha l-bumper ta' quddiem maqlugh, il-cover tal-mera tal-bieba tax-xellug nieqes u l-hgiega tal-bieba tax-xellug ta' wara imkissra.

Illi fl-udjenza tas-16 ta' April 2015 xehdet Dr Marisa Cassar (a fol 202 sa 203 tal-atti processwali) nominata fl-atti tal-inkjesta fejn ikkonstat li l-iswabs li ttiehdu kienu posittivi ghall-presenza ta' demm. Kien hemm ukoll flokk iswed bic-cingi u shorts blu tal-jeans tat-Terranova li kienu pozittivi ghad-demm. Mill-iswabs u mill-flokk hareg profil genetiku tal-istess persuna u mix-shorts hareg profil genetiku ta' persuna ohra. Hija kkonfermat ir-rapport taghha esebit a fol 144 tal-atti processwali. Fl-udjenza talt-18 ta' Settembru 205 l-inkarigu tax-xhud gie estiz sabiex tiehu kampjuni tad-DNA tal-imputata u tal-vittma u taghmel ezamijiet

komparattivi mal-profili genetici ndikati fir-rapport taghha. Fl-udjenza tas-27 ta' Mejju 2016 xehdet (a fol 258 u 259 tal-atti processwali) li fuq il-flokk tac-cingi hareg il-profil genetiku li jaqbel ma' ta' Wendy Gauci u mix-shorts hareg il-profil gentiku parzjali tal-imputata. Ir-rapport jinsab esebit a fol 260 sa 264 tal-atti processwali.

Illi fl-istess udjenza xehed Dr Martin Bajada (a fol 205 tal-atti processwali) li gie nominat fis-6 ta' Awwissu 2014 fl-inkjesta sabiex jigbor CCTV footage u johrog stills minnhom u prezenta r-rapport tieghu bhala Dok. MB1 a fol 207 sa 219 tal-atti processwali). Ix-xhud eleva CCTV footage minn Saliba Petrol station fejn ingabar footage u nhargu 12-il still.

Illi fl-udjenza tat-18 ta' Settembru 2015 xehed PS1240 Joseph Camilleri (a fol 232 sa 233 tal-atti processwali) li konferma li minn ricerka li ghamel l-imputata m'ghandiex licenzja ta' armi u lanqas tista' ggorr armi.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata tinsab akkuzata li kkagunat ferita gravi fuq Wendy Gauci u li kellha fil-pussess taghha arma bil-ponta minghajr permess fost akkuzi ohra. L-Artikolu 214 jipprovdi:-

> Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna.

Illi mill-provi prodotti partikolarment mill-filmat esebit il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-parti civili Wendy Gauci hija ferm aktar kredibbli u hija korraborata mill-filmat esebit. L-imputata tidher li kif rat il-vettura tal-parti civili marret tigri fil-vettura taghha u saqet hdejn il-vettura tal-parti civili. Minkejja li l-filmat mhuwiex daqstant car dwar x'gara f'dan l-istadju, lejn l-ahhar tidher l-imputata li qed issuq il-vettura taghha b'mod perikoluz u traskurat biex tipprova tolqot lill-parti civili Wendy Gauci ghal aktar minn darba. Ghalhekk fid-dawl tax-xhieda tal-parti civili u tal-filmat il-Qorti tikkunsidra li l-verzjoni moghtija mill-parti civili tirrispekkja dak li effettivament gara.

Illi fir-rigward tas-sewqan tal-imputata, din il-Qorti jidrilha li jirrizulta pruvat sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputata saqet b'mod li jiddipartixxi minn sewqan proprju. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alfred Mifsud", il-Qorti fissret kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

> "Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.
>
> Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li

> m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.
>
> Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950)."

Illi mis-suespost din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li s-sewqan tal-imputata kien altru minn sewqan proprju meta ghamlet il-manuvri bil-vettura taghha biex tipprova tolqot lill-parti civili ntenzjonalment.

Fir-rigward tal-griehi sofferti mill-parti civili, hekk kif gie kkonfermat minn Dr Mario Scerri kif ukoll minn Dr James Mark Debono dawn kienu jikkonsistu principalment fi stab wound fil-pala tal-id u gew klassifikati bhala gravi. Dr Mario Scerri spjega li l-probabilita hija li tali gereha tibqa cikattrici permanenti. Tali griehi jinkwadraw taht l-Artikolu 218(1)(b) stante li huma gravi u permanenti f'idejn. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-intenzjoni tal-imputata kienet proprju dik li tikkaguna griehi lill-parti civili u ghalhekk bdiet ixxejjer is-sikkina fid-direzzjoni ta' zaqq Wendy Gauci izda din tal-ahhar ma ntlaqtitx f'zaqqha ghaliex pruvat tiddefendi ruhha u b'hekk il-griehi saru f'idejha. Li kieku dak li qed tghid l-imputata kien minnu

– li l-parti civili lanqas kellha qatra demm waqt l-argument u kienet il-parti civili stess li kaggunat fuqha nnifisha l-istab wound bil-pipe, ma kienx ikun hemm demm la vicin il-vetturi fejn sehh l-incident u wisq anqas fuq il-hwejjeg tal-imputata stess. Jirrizulta wkoll li l-imputata ma kelliex licenzja jew permess li gorr arma maghha.

Illi dwar id-danni riskontrati fil-vettura tal-parti civili, il-parti civili xehdet biss li d-danni sofferti jammontaw ghal circa €1,500. Ma gewx esebiti ircevuti u lanqas stejjem ta' tali hsarat ghalhekk ma ngabitx l-ahjar prova. tal-kwantifikazzjoni tad-danni. Fic-cirkostanzi l-imputata ser tinstab hatja tal-Artikolu 325(1) (d) tal-Kapitolu 9.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputata qed tinstab hatja izda wkoll il-fatt li hija ghandha fedina penali nadifa u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja sospiza fil-massimu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-17 ta' Awwissu 2016 u senjatament l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 218, 41(1)(a), 217, 325(1)(d), 338(dd), 382A, 384, 385, 386, 17, 31, 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1)(a) u (2) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-

perjodu ta' erba' (4) snin millum u tiskwalifikaha milli zzomm jew tottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet (3) xhur millum.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti qed tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuni protetta hija Wendy Gauci.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputata sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitluba bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti thallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' Elfejn mitejn u disa' Ewro u sitta u ghoxrin Ewro centezmu (€2209.26[2]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

[2] Rapporti ta' Dr Mario Scerri pg 154 sa 171 €230.97c, Dr Marisa Cassar pg 144 sa 149 €1118.99c u pg 260 sa 263 €507.40c, Dr Martin Bajada pg 207 sa 219 €351.90c